## FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## *SMALL CLAIMS TRIBUNAL*

**GUDIKATUR: DR AUDREY J. DEMICOLI, LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 1 TA' MARZU, 2002**

**Avviz Nru: 179/02 AJD**

**F X B Limited**

**vs**

**John u Mary konjugi Attard**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-29 ta' Jannar, 2002, fejn gie mitlub li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' seba' mija u sitta u disghin liri Maltin u ghaxar centezmi (Lm796.10), rappresentanti ghaxar (10) kambjali ffirmati u accettati, lkoll skaduti izda mhux imhallsa (Dok. A).
Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-mandat ta' sekwestru tat-18 ta' Jannar, 2002, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-iskadenza ta' kull kambjala, kontra l-konvenuti.

Ra li l-konvenuti debitament notifikati, baqghu ma deherux u lanqas ma prezentaw risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Mark Attard, rapprezentant tas-socjeta' attrici, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut. Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ seba’ mija u sitta u disghin liri Maltin u ghaxar centezmi (Lm796.10) bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjes ta' dina l-istanza inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru tat-18 ta’Jannar, 2002, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti skond il-Ligi.

**Avukat Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur.**